MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 564/2009

Frank Borda Limited (C446).

Vs

Lee Camilleri (ID. 237982M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€3228.50) minghand il-konvenut, rapprezentanti import ta’ hdax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa in segwitu ghal bejgh ta’ vettura Skoda Fabia Comfort. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€3228.50), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------